**K U N S I L L   L O K A L I   K A L K A R A**
1 BINJA TAS-SALVATUR, TRIQ LUIGI PISANI, KALKARA
WEBSITE: www.kalkaralocalcouncil.com TEL: 21665500
EMAIL: kalkara.lc@gov.mt FAX: 21665566

**Seduta Nru:** 9-13

**Data: 27ta' Awwissu** 2013

**Hin:** 5.30p.m

**Post:** Ufficcju tal-Kunsill Lokali

**Membri Prezenti :** Speranza Chircop – Sindku
Christopher Bruno – Vici Sindku
Maria Sultana – Kunsilliera
Paul Bongailas – Kunsillier
Vincent Bongailas – Kunsillier

**Minuti** :

**1. Approvazzjoni tal-Minuti.**

Il-Minuti gew approvati fuq proposta tas-Sindku is-Sinjura Speranza Chircop sekondati mill-Kunsillier Paul Bongailas.

Is-Segretarja iddikjarat li is-seduta qieghda tigi rekordjata ghall-fini tal-minuti.

**2. Punti Mqajjma mill-Minuti.**

2.1 Dwar punt nru 3.1 mill-minuti precedenti Dwar it-talba li l-Kunsill ghamel lid-Dipartiment tal-Health and Safety sabiex jaghmlu l-osservazzjoni taghhom, il-Kunsill ghadu ma rcieva l-ebda risposta.

2.2 Dwar punt nru 3.2 mill-minuti precedenti - Il-plot fi Triq Straubenzee – Il-Kunsill ghadu ma rcieva l-ebda risposta minghand il-pulizija.

2.3 Dwar punt nru 3.3 mill-minuti precedenti – Il-Kunsill iddecieda li jigi ccarat il-qies tal-parking bays skond ir-regolamenti ta' Transport Malta sabiex kif il-haddiema ilestu ix-xoghol li qed jaghmlu jergghu jinzebhu dawn il-parking bays ta'Triq il-Villa tal-Ammirall u Triq l-Ghassieli bil-qisien proprja taghhom.

2.4 Dwar punt nru 3.4 mill-minuti precedenti – Is-serata b'risq Puttinu li saret nhar il-Gimgha 23t'Awwissu fis-7.00p.m, kienet success avolja b'certi tibdiliet fil-programm.

2.5 Dwar punt nru 3.5 mill-minuti precedenti - *Dumping* fi Triq il-Genista, ghandha tinkiteb ittra lil min qed jarmi l-iskart fiha.

2.6 Dwar punt nru 5.1 mill-minuti precedenti – dwar il-proposti imressqa mill-Kunsillier Vincent Bongailas, is-Sindku qalet li l-ghalqa issa qieghda titnaddaf u x-xoghol fuq il-konka tas-sigra taz-zebbuga ser jibda il-gimgha li gejja.

Dwar il-fanali li kellhom jitwahhlu fl-istess area, is-Sindku qalet li il-fanali diga mixtrija u approvati mill-Awtorita tad-Djar bhala parti mill-progett tad-dwal ta' Bighi mill-Kunsill precedenti. Dawn mhumiex bizzejjed sabiex idawwlu l-area residenzjali, ghalhekk hija ipproponiet li f'kaz li hemm xi fanali neqsin u biex il-progett ikun komplut, jinxtraw il-fanali ghandhom jehlu mal-faccata tar-residenzi. Il-Kunsill qabel li ghandhom jintalbu l-quotations sabiex tigi kkonfermata l-ispiza qabel ma dawn ikunu jistghu jinxtraw peress li din l-ispiza mhijiex imnizzla fil-budget. Dwar in-nofsijiet li nxtraw sabiex jehlu fil-kurutur dan huwa xoghol diga approvat mill-Housing.

Il-Kunsillier Vincent Bongailas informa lill-Kunsill li ser jaghmel serata ghall-Awards ghat-tfal li hadu sehem fl-attivitajiet organizzati minnu fis-Sajf. Din ser tkun nhar is-Sibt 14 ta' Settembru 2013 fis-7.00 ta' filghaxija go Villa Bighi.

2.7 Dwar punt numru 5.2b mill-minuti precedenti is-Sindku qalet li ser issir Laqgha mac-Chairman tal MCST il-gimgha li gejja, sabiex jigi diskuss il-progett taghhom li mistenni jibda fi zmien qasir. Il-Kunsilliera Maria Sultana issuggeriet li kif ikunu qed isiru id-diskussjonijiet mac-Chairman jigi propost li waqt il-progett l-MSCT tibni l-istore tal-Kunsill. Is-Sindku qalet li hija idea tajba li tista tghaddi l-proposta lic-Chairman pero il-Kunsill ghandu bzonn l-istore qabel ma jinbeda ix-xoghol fuq il-progett innifsu.

2.8 Dwar il-punt numru 5.3a mill-minuti precedenti il-Kunsilliera Maria Sultana dwar il-Kuntrattur tal-gbir tal-iskart, qalet li ghandha tibqa tingibidlu l-attenzjoni peress li is-sitwazzjoni ghadha l-istess. Is-Sindku qalet li issa ser tintbghatlu ittra registrata fejn jinghata gimgha cans sabiex jemenda is-sitwazzjoni. Dan minhabba li l-Kunsill qed ikollu diversi ilmenti anke fuq is-servizz tal-gbir ta' skart.

Dwar punt numru 5.3 b u c mill-minuti precedenti hija gibdet l-attenzjoni li BBQ ghadhom isiru u qed ikun hemm abbuz minn sewwieqa ta' karozzi li qed itellqu u jipparkjaw bl-addocc. Is-Sindku qalet li l-pulizija ser jibqghu jinforzaw. Is-Sindku qalet ukoll li aktar il-quddiem fil-minuti ser jissemmew prekawzjonijiet li gew diskussi ma Transport Malta fuq l-area msemmija.

Is-Sindku, is-Sinjura Speranza Chircop ippropniet li ssir Bye Law sabiex ma jsirux BarBques fuq ir-ramel sabiex ghas-sena id-diehla din tilhaq tigi fis-sehh, hija giet sekondata mill-Kunsilliera Maria Sultana u approvata b'vot unanimu.

Dwar punt numru 5.3d mill-minuti precedenti il-Kunsilliera Maria Sultana dwar il-bring in site iz-zghira ta' Pjazza Sagra Familja hija qalet li mhuwiex il-kaz li tingieb Bring in Site kbira imma jekk dawn jibdew jitbattlu aktar spiss.

2.9 Dwar il-punt 5.4c mill-minuti precedenti imressaq mill-Kunsillier Paul Bongailas, is-Sindku qalet li ix-xoghol fl-area tal-"bebbuxu" ta' Bighi, is-Sindku qalet li x-xoghol ghadu ghaddej, qed jigi ppreparat l-arblu u jigu mghoddija il-pajpijiet tad-dawl. Il-Kuntrattur ghandu jhaffer it-trinka fit-triq ghall-post indikat mill-Kuntrattur tad-dawl.

2.10 Dwar punt numru 5.4e u f imressaq mill-Kunsillier Paul Bongailas, is-Sindku qalet li ghandu jigi iccekjat x'hemm bzonn bnadar u ssir il-manutenzjoni fuq l-arblu tal-pjazza kif imsemmi. Il-Kunsillier Paul Bongailas ghandu jiehu hsieb jiccekja fuq il-bnadar u jara x'hemm bzonn isir fl-arblu.

2.11 Dwar il-punt numru 7b talba mis-Sur Farrugia sabiex ibiddel l-arm mal-hajt tal-faccata tieghu u jghamel fanal, il-Kunsilliera Maria Sultana staqsiet jekk hux ser jigi affetwat id-dawl tal-area ikkoncernata. Is-Sindku qalet li hija iccekjat mal-Kuntrattur tal-manutenzjoni tad-dawl fejn dan infurmha bil-vultagg li ghandu jkun hemm sabiex ikopri il-vultagg tal-lampa ezistenti. Hija qalet ukoll li fil-korrispondenza li ghaddiet mal-individwu dan il-punt gie kjarifikat cioe li l-Kunsill ma jsib l-ebda oggezzjoni diment li l-vultagg tal-bozza jibqa l-istess bhal dak ezistenti.

2.12 Dwar il-punt numru 7d dwar ic-CCTV cameras fl-area tax-Xewkija, il-Kunsilliera Maria Sultana qalet li huwa mportanti li l-Kunsill ikollu isem ta' persuna responsabbli tar-recording tal-cameras. Is-Sindku qalet li fil-korrispondenza li ntbghatet lill-individwu li ghamel it-talba, diga intalbet l-informazzjoni u l-ittra tan-no objection inghatat fuq dan il-binarju.

## 3. <u>Komunikat mis-Sindku.</u>

3.1 *<u>Xogholijiet</u>*

a. Is-Sindku qalet li ser jibda xoghol fuq il-bankina ta' wara l-istatwa ta' San Guzepp fi Pjazza Arcisqof Gonzi peress li hemm culvert li qieghed fi stat hazin hafna u hemm bzonn li jitnaddaf u jitranga qabel ma tibda ix-xita.

b. Is-Sindku infurmat lill-Kunsill li peress li l-pompa tal-funtana tal-Pjazza Arcisqof Gonzi, inkisret u ma tissewwiex iktar hemm il-htiega li tinxtara ohra. Ghalhekk ghandhom jingiebu l-kwotazzjonijiet necessarji.

c. Is-Sindku qalet li saritilha talba sabiex issir lapida fuq il-post fejn mietet il-mara li ntlaqtet bit-truck fi Triq Rinella. Minn informazzjoni li ghandu l-Kunsill dawn il-lapidi mhumiex permessibli li jsiru aktar u hemm xi ligi relatata. Il-Kunsilliera Maria Sultana qalet li jkun ahjar jekk il-Kunsill jivverifika din it-talba tistax tintlaqa mill-awtoritajiet koncernati.

d. Is-Sindku qalet li dwar il-process tal-bidu ghat-tnehhija tal-iskips ghandha tigi pprezentata lista tal-ammont ta' skips li ghandu l-Kunsill u l-post fejn qieghdin u fis-seduta li jmiss jigu diskussi liema skips ghandhom jitnehhew.

3.2 *Attivitajiet*

a. Ser tigi organizzata Attivita ghall-Halloween fi Pjazza Arcisqof Gonzi, dettalji jinghataw aktar tard.

b. Ser torganizza Harga ghal-Ghawdex ghall-Irgiel

c. Ser issir is-sejha lill-pubbliku ghar-registrazzjoni sabiex tinghata l-injection tal-Influwenza. Id-data tal-gheluq ghar-registrazzjonijiet ser tkun it-30 ta' Settembru 2013.

## 4. Mistoqsijiet u Punti mqajjma mill-Kunsillieri

4.1 Il-Vici Sindku Chris Bruno qajjem dawn il-punti u lmenti:

a. Hemm bzonn li jsir rapport lill-Air Pollution minhabba li qed issir hsara fl-ambjent marittimu tal-bahar fejn it-tankijiet tal-Films.

b. Huwa staqsa kif normalment ikun il-process ta' xi progett ta' dawl fil-lokalita, f'kaz ta' xi arbli bil-pannelli solari. Is-Segretarja fehmitu li normalment l-ewwel il-Kunsill jaqbel fuq progett imbghad wara meta tohrog xi skema ghal xi fondi, il-Kunsill ikun jista japplika ghaliha.

4.2 Il-Kunsilliera Maria Sultana qajjmet dawn il-punti u lmenti:

a. Hija qalet li huwa importanti sabiex fejn ikun hemm proposti jew lmenti li jkunu ghaddew il-Kunsilliera waqt is-seduta u li fuqhom tkun ittiehdet azzjoni, kif ukoll dawk li jkunu ghadhom ma sarux, il-Kunsilliera ghandhom jigu nfurmati.

b. Sahqet fuq l-importanza li l-ghassa tal-Kalkara tinzamm miftuha ghal aktar buon ordni, dan peress li hija u anke xi residenti innutaw li l-ghassa qieghda mghaluqa ta' sikwiet.

c. Fit-tarag San Guzepp thallew xi boroz bl-iskart minn xi individwi u ma ngabrux. Is-Sindku qalet sabiex ilmenti bhal dawn ghandhom jghaddu l-ufficju tal-Kunsill sabiex tkun tista tingibed l-attenzjoni tal-Kuntrattur u tittiehed l-azzjoni necessarja immedjatament.

d. Il-pots ta' tarag San Guzepp ghandhom il-haxix hazin, hija pproponiet sabiex jew jitrangaw u jimtlew bil-fjuri u jissaqqew kontinwament jew jitnehhew. Is-Sindku qalet li ser tiehu l-azzjoni necessarja.

e. Staqsiet fuq ir-reserved parking bay fi Triq San Mikiel. Is-Sindku qalet li dik ir-reserved parking saret bl-approvazzjoni minn Transport Malta fuq applikazzjoni tal-Individwu.

f. Hija qalet li hemm xi bozoz iteptpu fejn il-Kazin tal-Partit Laburista fi Triq ix-Xatt. Is-Sindku qalet li dawn diga huma rrapportati. Is-Sinjura Sultana qalet li hemm bozza mal-Arblu mitfija fejn il-fortizza Rinella. Is-Sindku qalet li ghandu jsir ir-rapport mehtieg lill-Enemalta.

g. Ingibdet l-attenzjoni li hemm bzonn li l-bins max-Xatt li hemm bla borza jew tank jimtlew. Hija qalet ukoll li ghandhom jizdiedu l-bins fl-area tal-bandli minhabba li genituri u tfal li jkunu qed jilghabu f'dik l-area m'ghandhomx fejn jarmu.

h. Hija staqsiet ghalfejn ghadhom ma twahhlux it-tabelli tal-one way fejn l-iskola. Is-Sindku qalet li peress li fis-Sajf ma kienx hemm skola, dawn thallew sabiex jehlu fix-xahar ta' Settembru qabel ma tibda l-iskola.

4.3 Il-Kunsillier Paul Bongailas qajjem dawn il-punti u lmenti:

a. Titnizzel Jum il-Kalkara bhala item fuq l-agenda li jmiss.

b. Tintbghat ittra sabiex il-Kunsill ikollu update fuq ix-xoghol tal-pavimentar fuq iz-zuntier.

c. Isir restawr fuq il-monument tas-salib fit-traffic island ta' Triq il-Missjoni Taljana kif ukoll fuq il-lapida li hemm fl-isqaq Marina Nru 2. Is-Sindku qalet li ghal dan ix-xoghol iridu u jigu mgharrfa il-Heritage Malta tar-Restauration Centre ta' Bighi.

4.4 Il-Kunsillier Vince Bongailas qajjem dawn il-punti:

Huwa ressaq l-istess ilmenti li ghadda fis-seduta li ghaddiet. Rega sahaq li sakemm ix-xoghol fuq dawn l-ilmenti jitlesta mhuwiex ser jghaddi ilmenti ohra.

## 5. Approvazzjoni tal-Iskeda tal-Pagamenti

Giet approvata il-lista ta' Pagamenti bir-referenza 09.13

## 6. Korrispondenza

6.1 Talba mis-Sur Michael Sciberras sabiex titwessa l-bankina ta' taht il-mina minhabba periklu li jinholoq ghall-persuna li tuza is-siggu tar-roti meta tkun ghaddejja minhabba karozzi. Il-Kunsill qabel li din tghaddi ghall-attenzjoni ta' Transport Malta.

Il-Kunsilliera Maria Sultana qalet li l-Kunsill jista jikkuntattja lill-Kappillan sabiex jara jekk iz-zewg rampi tal-injam li kien hemm fuq iz-zuntier tal-Knsija ghadhomx qed jintuzaw minnu sabiex f'dak il-kaz il-Kunsill jista jehodhom u jaghmel uzu minnhom.

6.2 Talba mill-Ghaqda Muzikali San Guzepp ghat-tqeghid ta'mwejjed u siggijiet quddiem il-kazin taghhom fi Pjazza Arcisqof Gonzi. Il-Kunsill qabel li wara li inghatat kjarifika mid-Dipartiment ghall-Kunsilli Lokali fuq hrug ta' permessi simili, jinghata l-permess skond it-talba tal-Ghaqda.

6.3 **<u>Laqgha mal-Klabb tat-Tennis tal-Kalkara.</u>**

Il-Klabb tat-Tennis talab l-ghajnuna tal-Kunsill sabiex jinzebhu 4 parking bays quddiem il-grada tal-Klabb taghhom. Il-Kunsill qabel li peress li l-art hija tal-Klabb dawn jistghu isiru mill-Kunsill Lokali peress li m'hemmx bzonn l-approvazzjoni ta' Transport Malta. Il-Klabb talab ukoll sabiex isiru xi directional signs fit-traffic islands li juru id-direzzjoni ghall-Klabb tat-Tennis ghal dawn in-nies li gejjin minn barra l-lokal. Il-Kunsill qabel li dawn jistghu isiru imma jkun il-Klabb li jiehu hsieb li jghamilhom imma qabel jigi kkonfermat jekk hemmx il-htiega tal-permess minn Transport Malta.

7. **<u>Proposti ghat-Traffic Management ta' Transport Malta</u>**.

7.1 *<u>Triq Patri Mattew Sultana</u>* - Giet proposta minn Transport Malta sabiex tigi kkunsidrata li Triq Patri Mattew Sultana issir one way ghat-traffiku. Il-Kunsill Lokali iddiskuta din it-talba u giet approvata b'vot unanimu li ssir one way il-fuq biss minn Triq Patri Mattew Sultana l-antika kantuniera ma triq il-Kapuccini, dhul ghar-residenzi il-godda u hrug mill-parti l-gdida. Din ghandha tintbghat Transport Malta ghall-approvazzjoni.

7.2 *<u>Triq il-Barklor</u>* - Giet proposta ohra minn Transport Malta fejn qieghdin jipproponu sabiex il-Kunsill jikkunsidra li Triq il-Barklor issir two way ghat-traffiku. Il-Kunsill qabel b'vot unanimu li din issir bil-kundizzjoni li ma jsirx parkegg fuq iz-zewg nahat. Is-Sur Paul Bongailas enfasizza li jsiru is-sinjali sofor doppji fuq iz-zewg nahat. Il-Proposta tal-Kunsill ghal Transport Malta ghandha tintbghat fuq dan il-binarju.

7.3 *<u>Bajja ta' Rnella</u>* - Peress li qed isir abbuz kontinwu minn xi sewwieqa, il-Kunsill qieghed jipproponi li jsiru zewg rampi fin-nizla tal-bajja (Triq Rinella) u tnejn ohra fit-telgha ta' fejn il-Married Quarters. Din il-proposta ghandha tghaddi Transport Malta ghall-approvazzjoni. Gie deciz li dawn isiru tat-tarmac minflok ir-rumble strips li kieku ser isiru qabel.

Il-Kunsilliera Maria Sultana issuggeriet li ssir bankina bhala prekawzjoni ghal dawk li jinzlu bil-mixi kif ukoll ghal dawk li juzaw il-pushchairs. Hija proponiet li kif ser ikunu qed isiru il-kuntatti ma Transport Malta dwar dan ix-xoghol, jigi suggerit li jsir xi haga li jilqa l-ilma tax-xita.

8. **<u>Applikazzjoni ghall-Memo 18/2013 – Car Free Day Comptetition– Mobility Week.</u>**

Is-Sindku pprezentat l-Applikazzjoni tal-Kunsill ghall-Car Free Day li ser issir nhar il-Hadd 22 ta' Settembru 2013. Ghal din l-attivita il-Kunsill ser jghalaq l-access ghall-Misrah Arcisqof Gonzi mit-8.30 ta' filghodu sas-2.00 ta' wara nofsinhar. It-tema ta' din il-kampanja hija 'Arja nadifa' ghalhekk il-Kunsill qed jipproponi li jsiru sezzjonijiet ta' nformazzjoni fuq skart riciklat kif ukoll uzu tal-karozzi u roti mhaddma bl-elettriku, trasport bil-bahar u affarijiet ohra fosthom attivitajiet ghat-tfal. Jekk il-Kunsill jirbah din il-kompetizzjoni, jinghata 2000 ewro sabiex ikopru l-ispejjes ghal din l-attivita.

9. **Approvazzjoni ghall-Live Streaming tas-Seduti tal-Kunsill – Memo17/2013.**

   Il-Kunsill qabel li japplika ghall-ghajnuna mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali ghall-finanzjament tal-Live Streaming tas-seduti tal-Kunsill li ghandhom jidhlu fis-sehh wara li jsir il-process tal-kwotazzjonijiet mehtiega.

10. **Ittra tar-rezenja /trasferiment tas-Segretarju Ezekuttiv.**

Is-Sindku Speranza Chircop qrat l-ittra li giet ipprezentata mis-Seg Ezekuttiv is-Sinjura Sharon Galea Iriele fejn hija gharrfet lill-Kunsill bit-terminu tax-xoghol taghha mal-Kunsill Lokali Kalkara minhabba li ser tigi trasferita f'post tax-xoghol iehor. Hija qieghda toffri li sakemm il-Kunsill isib Segretarju Ezekuttiv gdid, hija ser tkompli fil-kariga ta' Acting Executive Secretary sabiex ix-xoghol tal-Kunsill ma jigix ostakolat. Il-Kunsill qabel mat-talba tas-Segretarja u kull Kunsillier kif ukoll is-Sindku qalu li wara dawn is-snin kollha ser ihoss hafna in-nuqqas taghha.

11. **Aggornament**

Il-Kunsill aggorna ghall-Hamis 12 ta' Settembru 2013 fil-5.30 ta' filghaxija u ghall-Laqgha Pubblika il-Hadd 6 ta' Ottubru 2013. Is-Seduta spiccat fit-9.00 ta' filghaxija.

| | |
|---|---|
| Speranza Chircop | Sharon Galea Iriele |
| Sindku | Seg Ezekuttiv |